## I IL-QAGĦDA BĦALISSA

### (1) Il-Liġijiet tal-Pajjiż

### (a) Il-Kostituzzjoni ta' Malta

1.0 Skond l-ewwel artiklu tal-Kostituzzjoni tagħna, "Malta hija repubblika demokratika bbażata fuq ix-xogħol u fuq ir-rispett għad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' l-individwu".

1.1 Il-Kostituzzjoni tistabilixxi bħala principju l-obbligu ta' l-Istat li jirrikonoxxi illi kull cittadin Malti għandu d-dritt għax-xogħol u fl-artiklu 7 tal-Kostituzzjoni ta' Malta hemm stabbilit illi:

*"L-Istat jirrikonoxxi d-dritt tac-cittadini kollha għal xogħol u għandu jġib 'il quddiem dawk il-kondizzjonijiet li jagħmlu dan id-dritt effettiv"*

1.2 L-istess Kostituzzjoni tkompli tpoġġi obbligu fuq l-Istat Malti, li jipproteġi x-xogħol u li jipprovdi għat-tħarriġ professjonali jew ta' vokazzjoni u miljorament tal-ħaddiema (artiklu 12). Barra minn dan, hemm stabbilit ukoll illi persuni b'diżabilità u persuni li ma jkunux kapaci għal xogħol għandhom dritt għal edukazzjoni u tħarriġ ta' vokazzjoni (artiklu 17(3)).

1.3 Għandu jingħad illi l-artikoli tal-Kostituzzjoni li ġew msemmija hawn fuq ma humiex 'eżegwibbli' f'xi qorti, izda l-principji li hemm fihom huma b'dan kollu fondamentali għall-iggvernar tal-pajjiż u jkun l-iskop ta' l-Istat li japplika dawn il-principji fl-għemil ta' liġijiet. (artiklu 21).

### (b) L-Att dwar l-Impjieg ta' Persuni Inkapacitati - Att Nru II ta' l-1969, Kapitolu 210 tal-Liġijiet ta' Malta

1.4 Din il-liġi stabbiliet:

(a) it-twaqqif tar-**Reġistru** ta' persuni b'dizabilità, li għandu jinżamm u jiġi amministrat mid-Direttur tax-Xogħol (art. 5);

(b) li ażjendi u istituzzjonijiet li jimpjiegaw mhux anqas minn għoxrin (20) ħaddiem għandhom ukoll jimpjegaw **kwota** (fil-preżent 2%) ta' persuni b'dizabilità magħżula minn dan ir-reġistru (art 15(8)). Din il-percentwali tiġi stabbilita mill-Ministru responsabbli minn dan il-qasam wara konsultazzjoni mal-Kumitat imsemmi fil-para. (c) hawn taħt (art. 16(2)).

(c) id-dritt tal-Ministru li jispecifika klassijiet specjali ta' impjieg bħala **impjieg riżervat** (art. 19) għal persuni b'diżabilità.

(d) it-twaqqif ta' Kumitat Konsultattiv dwar ir-Ristabbilment ta' Persuni Inkapacitati ("**Disablement Resettlement Advisory Committee**"), sabiex tkun tista' tinforza l-liġi f'dak li għandu x'jaqsam ma' impjieg adegwat u kompatibbli ma' dik il-persuna li

jkollha xi diżabilità u sabiex tippromwovi opportunitajiet għal persuni b'dizabilità biex jiksbu u jżommu impjieg (art. 24).

(e) it-twaqqif ta' Ufficcjal fid-Dipartiment tax-Xogħol, magħruf bhala Ufficcjal ghar-Ristabbilment ta' Persuni Inkapacitati ("**Disablement Resettlement Officer**"). Id-**DRO** għandu diversi dmirijiet, fosthom dak li jqiegħed persuni reġistrati f'impjieg xieraq (art. 25). Id-*Disablement Resettlement Unit* jista' jipprovdi jew jagħmel arranġamenti għal provedimenti minn xi dipartiment tal-Gvern jew mod ieħor biex jingħataw xi:

i. servizzi maħsuba biex jiggwidaw persuni b'diżabilità fl-għażla ta' l-impjieg jew xogħol għal rashom;

ii. korsijiet għat-taħriġ ta' persuni b'diżabilità li jkollhom bżonn ta' taħrig biex jagħmilhom kompetenti biex jieħdu impjieg jew jaħdmu għal rashom;

iii. korsijiet ta' rijabilitazzjoni industrijali fejn isir taħriġ fiżiku, eżercizzju u okkupazzjoni li jwasslu għall-għoti mill-ġdid ta' abbilità, li bihom persuni b'diżabilità jottjenu mill-ġdid dik l-abbiltà li jaħdmu bħala impjegati jew jaħdmu għal rashom bħal ma kienu qabel ma kellhom id-diżabilità;

iv. servizzi ta' ristabbiliment ta' persuni bid-diżabilità fejn dawn il-facilitajiet jkunu maħsuba biex iqiegħdu f'impjieg xieraq persuni hekk reġistrati.

(f) li ksur ta' xi dispozizzjoni tal-liġi jew ta' xi regolamenti magħmulin bis-saħħa tagħha, jkun **reat punibbli** b'multa ta' mhux iżjed minn Lm 100 jew priġunerija għal mhux aktar minn tliet xhur, jew it-tnejn flimkien (art. 29).

### (c) L-Att li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg - Att Nru XI ta' l-1952 - Kapitolu 135 tal-Liġijiet ta' Malta

1.5 Fost ħwejjeġ oħra, dan l-Att jipprovdi għal protezzjoni ta' l-impjieg ta' persuna matul xi perijodu ta' inkapacità għax-xogħol, kaġunata b'korriment b'disgrazzja li tiġri mill-impjieg u waqt l-impjieg jew minn xi mard li jiġi mix-xogħol li għalihom hemm kumpens skond l-Att dwar is-Sigurtà Socjali (Kap. 147 tal-Liġijiet ta' Malta).

### (d) L-Att Dwar is-Sigurtà Socjali - Att Nru X tal-1987

1.6 Dan l-att jipprovdi *inter alia* illi persuni li jircievu penzjoni mhux kontributorja jkunu jistgħu jkomplu jircievu dik il-penzjoni, anké jekk ikollhom dħul ieħor minn xogħol *part-time*, basta d-dħul totali tagħhom ma jkunx jaqbeż il-paga minima nazzjonali. Jekk dan id-dħul ikun iżjed mill-paga minima nazzjonali, allura l-penzjoni tonqos *pro rata*.

**(e) L-Att Dwar l-Iżvilupp Industrijali - Att Nru XXI tal- 1988**

1.7 Dan l-Att jipprovdi għal :

i. incentiv lill-kumpaniji li jikkwalifikaw taħt il-liġi, sabiex jorganizzaw programmi ta' taħriġ li jżidu s-sengħa u l-kapacità tal-ħaddiema tagħhom. Dawn l-incentivi jieħdu l-forma ta' tnaqqis mit-Taxxa tad-Dħul u huma miżjuda sostanzjalment jekk il-programmi jkunu intiżi kompletament jew principalment għal persuni b'diżabilità (art. 10(1)).

ii. għotja għal taħriġ (grant) lil dawk il-kumpaniji li jkollhom impjegati *full-time* b'kuntratt ta' xogħol indefinit (bla limitu ta' żmien) u li jkunu qegħdin jircievu taħriġ li jkollu x'jaqsam ma' l-attivitajiet ta' dawk il-kumpaniji. Fil-każijiet fejn l-impjegat ikun persuna b'diżabilità, din l-għotja tista' titla' sa tliet kwarti tal-paga minima fil-ġimgħa għal kull gimgħa ta' taħrig sa massimu ta' 48 ġimgħa (art. 19(2)).

## (2) Is-servizzi eżistenti fil-pajjiż

2.0 Mill-informazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità jirriżulta dan li ġej :

**(a) Id-Disablement Resettlement Unit**

2.1 Dan il-Unit huwa stabbilit fi ħdan l-Ufficcju tax-Xogħol (Labour Office), il-Belt Valletta.

2.2 Skond rapport pubblikat mid-Dipartiment tax-Xogħol, sa April tal-1994, kien hemm 649 persuni b'diżabilità li qegħdin jirreġistraw għal xogħol permanenti fl-Ewwel u t-Tieni parti tar-Reġistru. Dawn il-persuni huma maqsuma hekk:

**(i) Persuni li qegħdin jirreġistraw għax-xogħol**

| | Irġiel | Nisa | Total 2 |
|---|---|---|---|
| **Malta** | 235 | 67 | 302 |
| **Għawdex** | 74 | 16 | 90 |
| **TOTAL 1** | 309 | 83 | 392 |

**(ii) Persuni li m'humiex qegħdin jirreġistraw għax-xogħol**

| | Irġiel | Nisa | Total 2 |
|---|---|---|---|
| **Malta** | 131 | 48 | 179 |

| | | | |
|---|---|---|---|
| **Għawdex** | 54 | 24 | 78 |
| **TOTAL 1** | 185 | 72 | 257 |

2.3 Dawk il-persuni b'diżabilità li japplikaw biex jirreġistraw f'dan ir-Reġistru, ikollhom jidhru quddiem bord kompost minn:

- Ufficjal Mediku
- Social Worker (meta jkun jista' jattendi)
- id-**Disablement Resettlement Officer (DRO)**.

**(b) Il-Korporazzjoni Għax-Xogħol u Taħriġ (ETC)**

2.4 Il-funzjoni ewlenija tal-ETC hi li tipprovdi taħriġ u ssib l-impjieg għal dawk li jirreġistraw għax-xogħol, inkluż dawk li jirreġistraw bħala persuni b'diżabilità. It-twettiq ta' din il-funzjoni, jirrikjedi li ssir analiżi ("assessment") tal-kapacitajiet u talenti ta' kull individwu li jirreġistra għax-xogħol, inkluż dawk bi bżonnijiet specjali, biex:

- tgħin fil-preparazzjoni ta' dawn il-persuni għad-dinja tax-xogħol;
- titkellem mal-employers prospettivi u tgħin biex tinħoloq attitudni pożittiva;
- tipprovdi skemi ta' taħriġ jew għajnuna biex tiffacilita l-impjieg.

2.5 Skond rapporti ppubblikati mill-Korporazzjoni, bejn Novembru 1993 u April 1994 l-ETC ħaddmet tliet skemi li kellhom l-għan specifiku li jinstab xogħol għall-persuni b'diżabilità. Ir-riżultati kienu dawn :

| **Skema** | **Data** | **Placements** |
|---|---|---|
| Direct Placements | Nov '93-April '94 | 20 |
| Employment & Training Placement | Jan-Frar '94 | 3 |
| On Line | Nov '93-April '94 | 12 |

**(c) Id-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Socjali**

2.6 Id-Dipartiment tal-Familja u Assistenza Socjali għandu ħames Centri tal-Adulti:

- *tlieta* għal persuni b'diżabilità mentali;
- *wieħed* għal persuni għomja;
- *wieħed* f'Għawdex;
- *taqsima* fic-Centru Ħidma Socjali għall-persuni b'diżabilità fiżika

2.7 L-għanijiet tac-Centru huma:

- li jgħin lill-persuni b'diżabilità jiżviluppaw mentalment, emozzjonalment u fiżikament billi jokkupaw irwieħhom f'xogħlijiet facli biex b'hekk jiġu ppreparati għal ħajja u għad-dinja tax-xogħol;
- li joffri opportunità għal ħinijiet ta' mistrieħ lill-ġenituri ta' dawn il-persuni waqt li dawn ikunu jattendu fic-Centru;
- li jgħin u jeduka l-ġenituri li għandhom ulied b'diżabilità permezz ta' kuntatti u laqgħat.

2.8 **Ic-Centri tal-Adulti** għall-persuni b'diżabilità mentali jinstabu fi Fleur-de-Lys, l-Imtarfa u Ħal-Far. Dawn joffru attivitajiet ta' natura socjali, reliġjuża, edukattiva, u 'l hekk imsejjaħ 'occupational work'. Il-persuni kollha li jattendu dawn ic-centri jircievu l-penzjoni mhux kontributorja għal persuni b'diżabilità.

2.9 **Ic-Centru tal-Għomja** li jinstab Santa Venera joffri attivitajiet vokazzjonali (l-aktar xogħol tal-qasab u manifattura ta' spallieri) flimkien ma' attivitajiet oħrajn.

2.10 **Ic-Centru t'Għawdex** jaħseb għall-bżonnijiet ta' persuni b'diżabilità mentali u persuni għomja. Ic-centru l-ġdid f'Għawdex twaqqaf permezz ta' "joint venture" bejn l-Għaqda Ħandikappati Għawdxin, l-awtoritajiet ekkleżjastici Għawdxin u l-Gvern ta' Malta. Dan ic-Centru jservi biex jingħata taħriġ lil "trainees" u dan kemm f'oqsma ta' xogħol li huwa adattat, kif ukoll fil-bżonnijiet personali tagħhom

2.11 **Ic-Centru Ħidma Socjali** li qiegħed f'Santa Venera, jiġbor fih numru ta' persuni b'diżabilità fiżika li wħud minnhom jingħataw xogħol fic-centru stess b'mod li jkollhom l-ewwel esperjenza li tista' sservihom bħala taħriġ għal impjieg prospettiv.

## (d) Is-Servizz Għajnuniet Specjali

2.12.1 Permezz tas-**Servizz Għajnuniet Specjali** il-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità toffri konsulenza, pariri u għajnuna finanzjarja lil persuni b'diżabilità sabiex ikunu jistgħu jgħixu ħajja aktar indipendenti u biex ikunu jistgħu isibu xogħol addattat.

2.12.2 Minn April 1992, dan is-servizz ipprocessa madwar 380 applikazzjoni għal assistenza finanzjarja fuq numru varjat ta' apparat waqt li 60 persuna xtaqu biss jieħdu pariri specifici dwar l-apparat għalihom.

## (e) Il-Fondazzjoni Eden

2.13 L-għan aħħari tal-**Fondazzjoni Eden** hu li tgħin persuni b'diżabilità ta' żvilupp ('developmental disability') jiżviluppaw l-abilitajiet u l-personalità tagħhom, kif ukoll biex jgħixu ħajja kemm jista' jkun indipendenti u jintegraw ruħhom fil-komunità. Għal dan il-għan, din il-Fondazzjoni tipprovdi *Programm ta' Taħriġ* għal adulti (ġewwa l-**Eden Ability Centre** f'Bulebel).

2.14 Dan il-programm, jinkludi eżercizzju fejn jiġi identifikat xogħol adattat u jingħata taħriġ fuq il-post tax-xogħol, assistit minn 'Job Coaches' li jipprovdu s-'support' meħtieġ biex il-ħaddiema ġodda jintegraw ruħhom fuq il-post tax-xogħol.

**(f) Il-Fond għar-Rijabilitazzjoni tal-Ħandikappati, Kordin**

2.15 Ic-Centru ta' Kordin għandu r-rwol li jservi bħala mezz biex jgħin lill-persuni b'diżabilità fil-process ta' tranżizzjoni għal ħajja aktar indipendenti. Dan jinkludi taħriġ sabiex il-persuna tkun tista' ssib impjieg b'kundizzjonijiet xierqa fil-qasam industrijali, klerikali ecc.

## II IL-PROGRAMM DINJI GĦALL-AZZJONI DWAR PERSUNI B'DIŻABILITÀ U L-IMPJIEG

**Il-Programm Dinji għall-Azzjoni dwar Persuni b'Diżabilità** ġie approvat mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti li ltaqgħet fis-sebgħa u tletin sessjoni tagħha, nhar it--Tlieta ta' Dicembru 1982, bis-saħħa tar-Rizoluzzjoni 37/52.

Fit-tielet kapitlu tal-programm "Xi proposti għall-Implimentazzjoni tal-Programm Dinji Għall-Azzjoni Dwar il-Persuni b'Diżabilità", insibu r-raba' taqsima li hija ddedikata għall-azzjoni li għandha tittieħed mill-istati membri tan-Nazzjonijiet Uniti, biex kull persuna b'diżabilità tingħata l-ugwaljanza fl-opportunitajiet.

Il-parti (e) tittratta l-qasam tax-xogħol u l-impjieg u fiha dawn il-paragrafi li ġejjin:

128. L-Istati Membri għandhom jaddottaw *policy* u struttura ta' sapport għal servizzi sabiex jiżguraw li persuni b'diżabilità li jgħixu kemm fil-kampanja, kemm ukoll fl-ibliet, għandhom opportunitajiet indaqs fis-suq miftuħ tal-impjieg għal xogħol produttiv u li jħalli qligħ. Ix-xogħol għal min jgħix fil-kampanja u l-iżvilupp ta' għodda u apparat addattati għandhom jingħataw attenzjoni partikolari.

129. L-Istati Membri jistgħu jagħtu sapport għal integrazzjoni ta' persuni b'diżabilità fis-suq miftuħ tal-impjiegi billi jużaw varjetà ta' metodi, per eżempju, skemi ta' kwota li jservu ta' incentiva, xogħol riżervat jew deżinat, self jew għotjiet għal negozji żgħar u ko-operattivi, kuntratti esklussivi jew drittijiet għal prijorità fil-produzzjoni, u assistenza fit-taxxa għal intrapriżi li jimpjegaw persuni b'diżabilità. L-Istati Membri għandhom jagħtu s-sapport tagħhom għall-iżvilupp ta' għajnuniet teknici u jiffacilitaw l-access għal persuni b'diżabilità għall-għajnuniet u assistenza li dawn jista' jkollhom bżonn fuq il-post tax-xogħol tagħhom.

130. Madankollu, il-*policy* u l-istrutturi ta' sapport m'għandhomx jillimitaw l-opportunitajiet għall-impjieg u m'għandhomx ifixklu l-vitalità tas-settur privat tal-ekonomija. Stati Membri għandhom ikollhom il-kapacità li jieħdu diversi miżuri b'rispons għal ħtiġijiet domestici.

131. Għandu jkun hemm qbil fuq livelli centrali u lokali bejn il-gvern, min iħaddem u l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema sabiex tiġi żviluppata strateġija komuni u azzjoni komuni bil-għan li jiġu żgurati opportunitajiet akbar fin-numru u ta' kwalità aħjar għal persuni b'diżabilità. Din il-ko-operazzjoni tista' tiffoka fuq *policies* ta' reklutaġġ, miżuri sabiex jittejjeb il-post tax-xogħol, sabiex issir prevenzjoni ta' korrimenti li jwasslu għal xi nuqqas jew ħandikap, miżuri għal rijabilitazzjoni ta' impjegati li jkorru fuq ix-xogħol, per eżempju, billi l-post tax-xogħol u l-kontenut tax-xogħol isirulhom modifikazzjoni skond il-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità.

132. Dawn is-servizzi għandhom jinkludu *assessment* vokazzjonali u *guidance*, taħriġ vokazzjonali (inkluż dak li jingħata f’workshops tat-taħrig), *placements*, u *follow-up*. Xogħol protett (*sheltered employment*) għandu jkun ipprovdut għal dawk il-persuni li, minħabba l-bżonnijiet specjali tagħhom jew minħabba diżabilità severa ħafna, ma jkunux jistgħu jlaħħqu mal-pressjoni ta’ xogħol kompetittiv. Dawn il-provedimenti jistgħu jieħdu l-forma ta’ workshops ta’ produzzjoni, xogħol mid-dar, u skemi ta’ impjieg indipendenti (*self-employment schemes*), u gruppi żgħar ta’ persuni b’diżabilità severa jaħdmu taħt kondizzjonijiet protetti f’industrija kompetittiva.

133 Meta jkollhom rwol ta’ min iħaddem, gvernijiet centrali u lokali għandhom jippromwovu l-impjieg ta’ persuni b’diżabilità fis-settur privat. Il-liġijiet u regulazzjonijiet m’għandhomx joħolqu ostakoli fl-iimpjieg ta’ persuni b’diżabilità.

## III IL-POLITIKA MALTIJA FIL-QASAM TAX-XOGĦOL GĦAL PERSUNI B'DIŻABILITÀ

I. Is-socjetà Maltija hija waħda li temmen b'konvinzjoni fir-rispett lejn id-dinjità tal-persuna mingħajr ebda xorta ta' distinzjoni jew diskriminazzjoni. Din id-dinjità tilħaq il-milja tagħha meta kull individwu, cittadin ta' pajjizna, jkun integrat fil-process ta' l-iżvilupp socjali, kulturali u ekonomiku ta' dawn il-gżejjer u l-poplu tagħhom. Is-socjetà tagħna, għalhekk, għandha tkun impenjata biex tagħti opportunitajiet indaqs lil kull cittadin.

II. Dan il-principju jsib l-aqwa applikazzjoni tiegħu fil-qasam tax-xogħol u għalhekk id-dritt għall-impjieg għall-persuni kollha li jistgħu jaħdmu skond il-kapacitajiet personali tagħhom, huwa dritt rikonoxxut u mħaddan mill-Kostituzzjoni stess.

III. Il-persuni b'diżabilità jiffurmaw parti integrali u essenzjali tar-riżorsi umani tal-pajjiż Għaldaqstant mhux biss għandhom dritt li jippartecipaw fl-iżvilupp tal-pajjiż u jkunu kontributuri kull fejn huwa possibbli, iżda l-pajjiż għandu d-dover li joħloq ambjent miftuħ għall-integrazzjoni ta' kull persuna b'diżabilità u dan f'ambjent li jkun mill-anqas ristrett.

IV. Il-kontribut tal-persuni b'diżabilità fil-qasam tax-xogħol huwa essenzjali għall-iżvilupp tal-pajjiż, mhux biss mill-aspett purament ekonomiku, izda wkoll għaliex fih innifsu jenfasizza valuri oħra li fuqhom is-socjetà Maltija hi mibnija. Għalhekk mhux biżżejjed li titneħħa kull forma ta' diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabilità, iżda jsir minn kollox biex il-qasam tax-xogħol jiġi incentivat ħalli jintegra l-persuni b'diżabilità wkoll, jekk hemm bżonn, billi ssir diskriminazzjoni pożittiva.

## Il-Principji applikati fil-prattika fuq livell Nazzjonali

### 1. Eliminazzjoni ta' Diskriminazzjoni

1.0 Kull diskriminazzjoni fil-konfront tal-persuni b'diżabilità minħabba d-diżabilità tagħhom, specjalment f'dak li għandu x'jaqsam ma' *assessment*, taħriġ, *placement* jew promozzjoni fuq il-post tax-xogħol għandha tiġi eliminata u għaldaqstant għandhom jissaħħu l-liġijiet eżistenti u jsiru liġijiet ġodda biex din it-tip ta' diskriminazzjoni tispicca u biex jingħata rimedju ġust u xieraq meta jinqalgħu każijiet ta' diskriminazzjoni volontarja jew involontarja.

1.1 Il-persuni b'diżabilità għandu jkollhom access għall-qasam tax-xogħol kemm fis-settur pubbliku kif ukoll fis-settur privat. Huwa l-Istat, però, li għandu jkun l-ewwel u l-iprem eżempju, billi

(a) dan il-qasam jitpoġġa fost l-ogħla prijoritajiet ta' l-aġenda nazzjonali u allura jsir dak l-investiment kollu li huwa necessarju u possibbli;

(b) il-gvern ikompli jtenni l-impenn tiegħu li japplika l-principju li huwa jħaddem is-settur pubbliku fuq bażi ta' opportunitajiet indaqs u jneħħi kull regolament jew procedura li jmur jew tmur kontra dan il-principju;

(c) il-gvern ikompli jsaħħaħ l-istrutturi kollha li jeżistu fil-pajjiz u li għandhom il-funzjoni li jseddqu l-qasam tax-xogħol u tat-taħrig, b'mod li dawn l-istrutturi mhux biss ikunu miftuħin għall-persuni b'diżabilità, iżda jkollhom l-ispecjalizzazzjoni li hemm bżonn sabiex ikunu jistgħu jagħtu servizz professjonali;

(d) il-gvern jinkoraġġixxi s-settur privat sabiex dak is-settur ukoll japplika l-principju ta' opportunitajiet ugwali għal kulħadd. Dan għandu jsir billi jinħolqu skemi adattati u jingħataw incentivi li jwasslu lil dan is-settur sabiex jippartecipa f'dan il-process.

## 2. L-Edukazzjoni

2.0 Is-socjetà Maltija tirrikonoxxi l-fatt illi l-qasam tax-xogħol huwa marbut intrinsikament mal-qasam ta' l-edukazzjoni. Dan il-fatt huwa aktar evidenti fil-qasam ta' l-edukazzjoni u l-impjieg tal-persuni b'diżabilità. Għalhekk, dan id-dokument għandu jinqara flimkien mad-dokument li ġie ppubblikat mill-*Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilità* u li jittratta x'għandha tkun il-politika nazzjonali fil-qasam tal-Edukazzjoni Specjali.

## 3. Il-Potenzjal tal-Persuna b'Diżabilità: Assessment Komprensiv

3.0 Id-dritt għal impjieg għandu jinkludi miegħu d-dritt għall-*assessment* komprensiv sabiex jiġu iddentifikati l-bżonnijiet specjali ta' l-individwu u sabiex dawn il-bżonnijiet jitpoġġew fil-perspettiva korretta biex jinftiehmu u jiġu accettati kemm mill-persuna b'diżabilità, kif ukoll mill-persuna li eventwalment jista' jimpjegaha. B'hekk il-potenzjal personali tal-persuna b'diżabilità, jkun jista' jiġi idendifikat u milħuq.

3.1 *Assessment* bħal dan għandu jibda qabel ma' l-persuna tkun spiccat it-tagħlim formali tagħha u għandu jkompli sakemm tkun sabet xogħol addattat u sakemm jinstab il-bżonn li jsir *assessment* ġdid. Fil-każ ta' persuni li jsiru diżabbli aktar tard f'ħajjithom, l-*assessment* għandu jsir kemm jista' jkun malajr wara li tkun saret id-dijanjożi.

3.2 Kull forma ta' *assessment* bħal dan għandu jsir minn tim multi-dixxplinarju li jinkludi l-ġenituri u fejn hu possibbli l-individwu nnifsu. It-tim multi-dixxiplinarju għandu jfassal programm vokazzjonali individwalizzat li jinkludi proviżjonijiet dettaljati. Dan il-programm għandu jiġi rivedut regolarment, jew kull meta xi membru tat-tim ikun jidhirlu li għandha ssir din ir-reviżjoni.

3.3 *Assessment* addattat għandu jinkludi rikmandazzjonijiet għal għajnuniet specjali u modifikazzjonijiet necessarji sabiex l-individwu jkun jista' jsib xogħol addattat għall-kapacitajiet u l-potenzjal tiegħu. Iżda huwa daqstant necessarju illi, la darba jiġu identifikati dawn il-bżonnijiet:

- il-persuna tkun tista' ssib sors ta' għajnuna finanzjarja sabiex tissodisfa dawk il-bżonnijiet li jkunu jiddependu minnha, u
- min ikun ser jimpjegaha jsib skemi ta' incentivi li jgħinuh itaffi parti mill-ispiza necessarja sabiex jirrendi l-post tax-xogħol addattat għall-bżonnijiet tal-persuna b'diżabilità.

## 4. Taħriġ Vokazzjonali

4.0 It-taħriġ vokazzjonali għandu jinbeda fl-iskola fejn tkun qed tattendi l-persuna b'diżabilità u tkompli sakemm din tkun sabet xogħol addattat. Dan għandu jsir fic-*Centri ta' Matul il-Jum*, fix-*Sheltered Workshops*, jew mill-*ETC*. Fil-każ ta' persuni li jiżviluppaw diżabilità aktar tard f'ħajjithom, it-taħriġ vokazzjonali għandu jinbeda kmieni kemm jista' jkun wara li tkun saret id-dijanjożi. Persuni b'diżabilità li, għal xi raġuni jew oħra, jkollhom bżonn jibdlu x-xogħol tagħhom għandhom ukoll ikollhom id-dritt għat-taħriġ addattat.

## 5. Servizzi ta' Sapport Nazzjonali

5.0 Is-servizzi ta' sapport nazzjonali li jeżistu llum jew li l-pajjiż jista' jkollu fil-futur għandhom iħaddnu l-principju illi l-persuni b'diżabilità mhux biss huma parti integrali mill-klijenti tagħhom, iżda huma u għandhom ikunu fost l-ogħla prijoritajiet tagħhom u li għalihom għandhom jiġu indirizzati r-riżorsi principali li huma għad-dispożizzjoni tagħhom. Għaldaqstant huma għandhom ikunu principalment responsabbli biex:

- jipprovdu l-*assessment* u t-taħriġ adattat;
- jidentifikaw opportunitajiet tax-xogħol, u
- joħolqu kultura nazzjonali mibnija fuq il-principji tal-integrazzjoni u ta' opportunitajiet indaqs.

5.1 Il-persuni b'diżabilità li jkunu qegħdin ifittxu x-xogħol għandhom jircievu t-taħriġ mill-istrutturi nazzjonali li l-pajjiż għandu jew jista' jkollu. B'hekk it-taħriġ isir f'ambjent integrat li jkun ta' beneficcju għal dawk kollha li jkunu qegħdin jippartecipaw, sew jekk ikollhom diżabilità sew jekk ma jkollhomx. Għalhekk għandu jinstab il-mezz kif id-*DRU* u d-*DRO* jiġu integrati fi ħdan l-istrutturi l-oħra nazzjonali li huma mwaqqfa jew jistgħu jiġu mwaqqfa specifikament biex jagħtu dan it-taħriġ u biex jidentifikaw l-opportunitajiet tax-xogħol (fil-preżent l-*ETC*).

5.2 Dan ma jeliminax il-possibilità li f'certi cirkostanzi, dawn l-istrutturi nazzjonali jkollhom jużaw specjalisti jew jikkuntrattaw għal servizzi specjalizzati, b'mod specjali meta d-diżabilità tkun tirrikjedi analiżi teknika partikolari. Iżda f'kull każ, dan għandu jkun eżercizzju li għandu jibqa' jiġi ko-ordinat u *monitored*

mill-istrutturi nazzjonali, specjalment fl-identifikazzjoni tal-postijiet tax-xogħol u fit-taħriġ f'ambjent integrat.

5.3 L-awtoritajiet responsabbli mill-iżvilupp tar-riżorsi umani f'pajjiżna (il-Ministeru responsabbli mir-Riżorsi Umani u l-*ETC*) għandhom jipprovdu firxa sħiħa ta' servizzi ħalli jkunu jistgħu jgħinu persuni b'diżabilità u bi bżonnijiet differrenti jsibu xogħol addattat għal potenzjal u abbiltà tagħhom personali. Għalhekk l-**ETC** għandha tipprovdi sapport għal persuni b'diżabilità li jixtiequ jaħdmu għal rashom, 'part-time', id-dar u biex dawn ikunu jistgħu jiffurmaw kooperattivi u, fejn jinħass il-bżonn, li jaħdmu f'ambjent protett. Dawn is-servizzi jridu jinkludu:

- servizzi ta' *assessment* intern li jkun jista' jidentifika x'inhu l-bżonn akkademiku u x'inhuma d-diffikultajiet fiżici tal-individwu;
- servizz ta' edukazzjoni rimedjali bl-għajnuna tad-**Dipartiment tal-Edukazzjoni**, lil dawk li jiġu ddentifikati bħala persuni li għandhom dan il-bżonn;
- servizz ta' taħriġ f'oqsma differenti skond il-bżonn tas-suq, li jkun integrat ma' dak offrut lil bqija tal-klijenti tagħha;
- servizz ta' *placement* u eventwalment *assessment* u *monitoring* tal-persuna fuq il-post tax-xogħol.

5.4 Waqt li jkunu qed jiġu pprovduti dawn is-servizzi għandu dejjem ikun imħaddan il-principju ta' integrazzjoni. Fl-istess ħin wieħed irid iżomm f'moħħu l-potenzjal massimu li jista' jilħaq kull individwu u għalhekk is-sistema trid tkun waħda flessibbli li tippermetti li persuna, b'taħriġ adattat u b'*monitoring* kontinwu, tkun tista' tgħaddi minn fażi għall-oħra u minn kwalità ta' xogħol għall-ieħor.

## 6. Sheltered Workshops - Xogħol f'Ambjent Protett

6.0 Il-filosofija tax-*Sheltered Workshop* għandha dejjem tkun pożittiva, fis-sens illi l-ħsieb ikun dejjem li l-individwu jiġi mħarreġ f'qasam ta' xogħol li eventwalment għandu jwasslu aktar vicin lejn ir-realtà ta' xogħol f'ambjent integrat jew lejn alternattivi li jistgħu joffru possibiltajiet aħjar għall-futur tal-individwu.

6.1 L-applikazzjoni ta' dan il-kuncett jimplika illi :

(a) L-istrutturi li jirregolaw l-impjieg f'ambjent protett permezz ta' *Sheltered Workshops* għandhom jiġu integrati ma' l-istrutturi li jeżistu u li jittrattaw l-iżvilupp tar-Riżorsi Umani f'pajjiżna. Dan ifisser illi r-responsabbiltà amministrattiva għal dawn il-*Workshops* għandha taqa' taħt il-Ministeru responsabbli mir-Riżorsi Umani.

(b) Immedjatament għandu jibda eżercizzju biex jiġu identifikati l-kwalità, it-tip u l-varjetà ta' attivitajiet li jistgħu u għandhom jiġu mwettqa f'dawn ix-

*Sheltered Workshops.* Dan l-eżercizzju għandu jsir minn nies kompetenti u l-għażla ta' attivitajiet trid tkun, sa fejn hu possibbli, relatata u kompatibbli mad-domanda ta' impjiegi li jkun hawn fis-suq tax-xogħol. Dan l-eżercizzju għandu jiġi rivedut u aġġornat regolarment u għandu, necessarjament, isir minn persuni involuti fil-qasam ta' l-izvilupp tar-riżorsi umani.

(c) Ix-*Sheltered Workshops* għandhom joffru xogħol li jkun imħallas b'rati ġusti għax-xogħol li jkun qiegħed isir.

(d) Għandu jsir l-investiment necessarji sabiex jinstabu n-nies addattati u/ jew jingħata t-taħriġ lil dawk il-persuni li jiġu iddentifikati biex jaħdmu f'dawn ix-*Sheltered Workshops.*

(e) Għandu jiġi stabbilit metodu ta' *assessment* professjonali tal-persuni b'diżabilità li bħalissa qegħdin jattendu c-Centri ta' Matul il-Jum, bl-iskop illi jiġu individwalizzati dawk il-persuni li jistgħu joħorġu mis-sistema tac-Centri ta' Matul il-Jum, kif propost f'dan id-dokument, u jiġu integrati f'ambjent ta' xogħol protett u vici versa.

(f) Għandha tiġi stabbilita procedura biex f'perijodi fissi u regolari jsiru *assessments* tal-progress li jkun qiegħed jiġi rreġistrat ma' kull individwu bl-iskop li jiġi deciz jekk l-individwu għandux jibqa' f'dik l-istruttura jew għandux jgħaddi għal struttura oħra li tkun tista' tgħinu jiżviluppa ruħu iżjed.

## 7. Il-Kooperattivi

7.0 Il-Ministeru responsabbli mill-iżvilupp tar-Riżorsi Umani, flimkien ma' l-istrutturi l-oħra li jeżistu fil-pajjiż, għandhom joffru incentivi għat-twaqqif ta' kooperattivi kummercjali li jkollhom fihom maġġoranza ta' ħaddiema b'diżabilità. It-twettiq ta' din il-politika ma għandhiex iddgħajjef il-principju illi l-ambjent tax-xogħol għandu jkun wieħed integrat u għalhekk, għandha ssir enfasi specjali illi inizjattiva ta' dan it-tip tkun :

(a) waħda kummercjalment vijabbli;
(b) tirrendi pagi u salarji, lill-persuni kollha li jippartecipaw, ta' l-istess livell ta' dak li jkun qiegħed jitħallas fis-suq f'dak il-mument;
(c) tinvolvi l-impjieg ta' mhux anqas minn 50% u mhux aktar minn 75 % tal-ħaddiema li jkunu persuni b'diżabilità.

## 8. Ic-Centri ta' Matul il-Jum

8.0 Huwa inevitabbli li f'certi cirkostanzi, l-*assessment* ikun jindika li d-diżabilità hija tali li jkun iktar ta' vantaġġ għall-persuna koncernata li tattendi **Centru ta' Matul il-Jum** fejn l-enfasi mhijiex fuq xogħol produttiv iżda fuq l-iżvilupp ta' *life skills* essenzjali biex il-persuna tkun tista' tgħix ħajja kemm jista' jkun indipendenti, u jkollha l-aħjar kwalità ta' ħajja li tkun possibbli. Hija r-responsabbiltà ta' l-istat li jipprovdi dan it-tip ta' servizz, iżda għandu jiġi enfasizzat illi l-*assessment* u l-*monitoring* għandhom jitkomplew anké waqt li

l-persuna tkun qiegħda tattendi f'dawn ic-Centri, bl-iskop illi tibqa' miftuħa l-possibiltà li l-persuna tiġi eventwalment integrata f'xi wieħed mis-servizzi ta' appoġġ li jistgħu jkunu jew isiru adattati għaliha.

8.1 Dawn ic-centri għandhom ikollhom element qawwi socjali li jkun jaħdem fuq żewġ fronti: dak tal-individwu nnifsu, kif ukoll dak tal-ġenituri.

8.2 F'dawn ic-centri l-aspett predominanti ma jkunx ix-xogħol, iżda l-iżvilupp tal-persuna u tal-kwalità tal-ħajja tiegħu u tal-familja tiegħu.

8.3 Huwa necessarju li jkun hemm ko-ordinament bejn l-Ministeru għall-Iżvilupp Socjal*i* u l-Ministeru responsabbli għar-Riżorsi Umani.

## 9. Att dwar l-Impjieg ta' Persuni Inkapacitati - Att Nru II ta' l-1969, Kapitolu 210 tal-Liġijiet ta' Malta: Emendi Proposti

9.0. Mingħajr ħsara għal dak li hemm imsemmi fil-paragrafu 9.1 hawn taħt, il-Gvern għandu jara illi l-klawsoli kollha ta' din il-liġi jiġu applikati u illi l-istrutturi li hemm maħsuba fiha jkunu mwaqqfa u jiffunzjonaw b'mod efficjenti u effikaci. Dan jgħodd kemm għas-settur privat kif ukoll għas-settur pubbliku.

9.1 *L-Att dwar l-Impjieg ta' Persuni Inkapacitati tal-1969* għandu jiġi aġġornat għall-bzonnijiet ta' llum, u b'mod partikolari għandu jiġi emendat kif ġej :

(a) L-isem ta' dan l-Att għandu jinbidel u jsir **Att dwar l-Impjieg ta' Persuni b'Diżabilità**.

(b) Il-kwota għandha tiżdied, iżda din ma tkunx kwota obbligatorja għaliex l-*employer* jingħata l-għażla li minflok jimpjega l-kwota stabbilita, iħallas somma flus ekwivalenti għal percentwali tal-paga, somma li tidħol f'fond specjali li jintuża sabiex:
   (a) jinħolqu skemi ta' incentivi
   (b) isiru programmi vokazzjonali u
   (c) jissussidjaw xogħlijiet intiżi biex jirrendu postijiet tax-xogħol aktar accessibbli.

(c) Il-Liġi għandha tispecifika fid-dettal liema huma dawk il-kategorji ta' diżabilitajiet li jistgħu jiġu kkalkolati għall-iskop tal-kwota stabbilita skond il-liġi.

(d) Għandu jkun hemm ukoll il-mekkaniżmu meħtieġ biex dan l-Att jiġi inforzat u b'mod partikolari għandu jiġi rivedut ir-rimedju li jkun għad-dizposizzjoni tal-persuna b'diżabilità f'każ li jkun aggravat, u għandhom jiżdiedu l-pieni applikabbli f'każ ta' reat taħt il-liġi.

(e) Għalkemm il-*Programm Dinji Għall-Azzjoni Dwar Persuni b'Diżabilità* jissuggerixxi l-kuncett ta' *xogħol riżervat* bħala wieħed mill-metodi ta' sapport (Sezzjoni B hawn fuq, para. 129), il-politika nazzjonali għandha tkun illi l-kuncett ta' *xogħol rizervat* specifikament għall-persuni b'diżabilità għandu jiġi mibdul għal wieħed ta' *diskriminazzjoni pożittiva*. Il-*policy* għalhekk għandha tkun li kull xogħol f'pajjiżna jkun miftuħ għall-

persuna b'diżabilità sakemm dik il-persuna għandha l-kapacità illi taqdi l-funzjonijiet mistennija minn dak ix-xogħol partikolari, u f'kaz ta' ugwaljanza, tingħata l-preferenza lil persuna b'diżabilità.

## 10. L-implimentazzjoni ta' dawn il-policies

10.0 Biex il-miżuri li hawn maħsuba f'dan id-dokument ikunu jistgħu jiġu implimentati hemm bżonn li jkun hemm *personnel* imħarreġ fil-livelli kollha. Għaldaqstant il-forzi kollha koncernati għandhom jieħdu l-miżuri kollha necessarji biex ikollhom dan il-*personnel* imħarreġ.

10.1 Bħala miżura principali għandha ssir **Liġi Opportunitajiet Indaqs** li jkollha l-għan li tiddikjara illegali kull diskriminazzjoni minħabba d-diżabilità fl-oqsma kollha tal-ħajja tal-persuni b'diżabilità b'mod partikolari l-qasam tax-xogħol u tagħti r-rimedji necessarji.

10.2 Il-forzi socjali kollha tal-pajjiz għandhom ikunu involuti fl-implimentazzjoni ta' dawn il-policies kollha, b'mod partikolari l-unions tal-ħaddiema u l-korpi kostitwiti li jirrappreżentaw lil min iħaddem.